Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,326, 11 ta' Ottubru, 2024
Taqsima B

A.L. 267 tal-2024

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2024 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u bir-regolamenti 3 u 4 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas Sabiex Tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru), il-Ministru responsabbli għall-ambjent flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għall-Kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*).

Tifsir.

2. Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa r-" Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi". L.S. 549.42.

Restrizzjonijiet ta' kontroll.

3. Din id-deroga tapplika biss għall-kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia*.

Stabbiliment tal-perjodu għall-kontroll.

4. Il-perjodu għall-kontroll tal-i*Sturnus vulgaris* u l-*Columba livia* għandu jkun għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Kontroll skont qafas speċifikat. L.S. 549.85.

5. Il-kontroll tal-*iSturnus vulgaris* u l-*Columba livia* għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Qafas Sabiex Tiġi Permessa Deroga għall-Kontroll tal-Għasafar fl-Interess tas-Sigurtà tal-Ajru) u r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi. L.S. 549.42.